MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

Seduta tat-30 ta' Lulju, 2010

Appell Civili Numru. 834/1992/1

**Sandra Darmanin**

**v.**

**Michelle Attard u b'digriet tal-4 ta' Dicembru 1992 Paul Abela u George Zammit fil-kwalita` taghhom ta' diretturi u in rapprezentanza tas-socjeta` Gozo Channel Company Limited u l-Onorevoli Ministru tal-Ambjent gew kjamati in kawza u b'nota tad-9 ta' Jannar 2007 il-Ministru ghar-Rizorsi u Infrastruttura assuma l-atti minflok il-Ministru tal-Ambjent u b'nota tat-23 ta' Frar 2009 Dr. Joseph Grech assuma l-atti tal-kawza fil-kwalita` tieghu ta' direttur, u in rapprezentanza, tas-socjeta` Gozo Channel Co. Ltd**

**minflok Paul Abela u George Zammit u b’nota tat-28 ta’ Mejju 2010 l-Onorevoli Ministru ghar-Rizorsi u Affaraijiet Rurali assuma l-atti minflok il-Ministru ghar-Rizorsi u Infrastruttura, gia` l-Ministru ghall-Ambjent.**

**Il-Qorti:**
**Preliminari:**

B’citazzjoni pprezentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta’ Lulju, 1992, l-attrici li ppremettiet:

Illi hi sofriet danni nkluzi korriment, feriti u debilita` ta' natura permanenti inkluz f'ghajnejha u f'wiccha, meta din kienet riekba bhala passiggiera f'vettura Citroen Visa Numru ta' Registrazzjoni F-3870 misjuqa mill-konvenuta f'incident li gara l-Hadd 3 ta' Marzu 1991 fic-Cirkewwa; illi ghal tali incident hija responsabbli l-konvenuta minhabba negligenza, imprudenza u nuqqas ta' tharis ta' regolamenti; illi l-attrici sofriet u ghadha sal-lum issofri mill-effetti tal-korriment, tilfet il-qligh u ghamlet spejjez kbar fil-kura kemm lokalment u barra, u qed issofri debilita` ta' natura permanenti; illi l-konvenuta giet inutilment interpellata sabiex tersaq ghal-likwidazzjoni u hlas ta' danni minnha kkawzati, dan premess l-attrici talbet li dik il-Qorti:

1. tiddikjara lill-konvenuta responsabbli ghall-incident imsemmi u ghad-danni kollha sofferti mill-attrici in konsegwenza tal-incident;

2. tillikwida d-danni hekk sofferti mill-attrici;

3. tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-attrici id-danni hekk likwidati;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra bonarja tal-15 ta' Mejju 1991 u l-ittri ufficjali tas-16 ta' Settembru 1991 u tas-6 ta' Lulju 1992 u bl-imghax min-notifika tal-istess ittra ufficjali tas-16 ta' Settembru 1991;

B’nota pprezentata fl-20 ta’ Ottubru, 1992 il-konvenuta Michelle Attard eccepiet:

1. Illi l-incident imsemmi fl-Att tac-Citazzjoni tal-attrici ma garax tort tal-eccipjenti izda gara tort tad-Dipartiment tal-Ambjent gia` d-Dipartiment tax-Xoghlijiet u tal-Gozo Channel Company Limited jew minn minnhom u dan kif sejjer jigi pruvat ahjar waqt it-trattazjoni tal-kawza, u ghalhekk l-eccipjenti qed titlob lill-din l-Onorabbli Qorli li tawtorizza il-kjamata in kawza taghhom.

B’nota pprezentata fl-4 ta’ Jannar, 1993 il-kjamat fil-kawza Onorevoli Ministru ghar-Rizorsi u Infrastruttura [recte: Onorevoli Ministru tal-Ambjent] eccepixxa:

1. Illi m'hemm ebda *bollard* li jingombra l-passagg ta' bejn ir-rampa u t-triq;

2. Illi t-triq in kwistjoni kienet giet irrangata bl-akbar diligenza u prekawzjonijiet ferm qabel ma gara l-incident in kwistjoni;

3. Illi anke jekk, ghall-grazzja tal-argument, il-*bollard* huwa xi erba' metri il-boghod mir-rampa tal-vapur kif tikkontendi l-attrici (asserzjoni kontestata mill-esponent), dan ma jeskludix il-probabilita` li l-konvenuta, tenut kont tan-natura tal-lokalita` u c-cirkostanzi kollha attinenti ghalih, setghet timmanuvra facilment il-vettura taghha kieku verament kienet prudenti u diligenti;

4. Illi ghalhekk, jidher illi hija l-konvenuta Attard li ghandha unikament tirrispondi ghat-talbiet attrici.

B’nota pprezentata fid-29 ta’ Marzu, 1993 il-kjamati fil-kawza Paul Abela u George Zammit bhala diretturi ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Gozo Channel Company Limited eccepew:

1. Illi l-incident imsemmi fl-att tac-citazzjoni ma garax b'tort tas-socjeta` eccipjenti.

2. Salvi eccezzjonijet ohra.

**Is-sentenza appellata:**

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b'sentenza moghtija fid-29 ta' Mejju, 2008 bil-mod segwenti:

"Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija l-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Michelle Attard u tilliberaha mill-osservanza ta' dan il-gudizzju, tilqa' wkoll l-eccezzjonijiet tal-kjamati fil-kawza Paul Abela u George Zammit bhala Diretturi ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Gozo Channel Company Limited u tilliberahom mill-osservanza ta' dan il-gudizzju, (u b'digriet tat-13 ta' Awwissu, 2008 zdiedu l-kliem "bl-ispejjez kollha kontra l-Ministru ghar-Rizorsi u Infrastruttura) tichad l-eccezzjonijiet tal-kjamat fil-kawza l-Ministru ghar-Rizorsi u Infrastruttura u tilqa' t-talbiet attrici fir-rigward tieghu u tiddikjara illi l-Ministru ghar-Rizorsi u Infrastruttura huwa responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-attrici in konsegwenza tal-incident u tillikwida d-danni sofferti mill-attrici bil-mod kif gej:

"Is-somma ta' elf, mija u erbgha u sebghin Lira (Lm1,174), ekwivalenti ghal elfejn, seba' mija u erbgha u tletin Ewro u tmienja u sittin Ewro centezmi (€2,734,68) bhala damnum emergens flimkien mas-somma ta' erbghatax-il elf u tlettax-il Lira Maltin (Lm14,013), ekwivalenti ghal tnejn u tletin elf, sitt mija u wiehed u erbghin Ewro u wiehed u hamsin Ewro centezmu (€32,641.51) bhala *lucrum cessans* sabiex b'hekk l-ammont kollu dovut lill-attrici huwa ta' hamsa u tletin elf, tliet mija u sitta u sebghin Ewro u dsatax-il Ewro centezmu (€35,376.19) u konsegwentement il-Qorti qeghda tikkundanna lill-kjamat fil-kawza Ministru ghar-Rizorsi u Infrastruttura sabiex ihallas lill-attrici s-somma ta' hamsa u tletin elf, tliet mija u sitta u sebghin Ewro u dsatax-il Ewro centezmu (€35,376.19) hekk likwidata;

"Bl-ispejjez kif mitluba u bl-imghax mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni kontra l-kjamat fil-kawza Ministru ghar-Rizorzi u Infrastruttura, stante illi l-Qorti hi tal-fehma illi din

il-kawza twalet u ma tarax illi dan it-tul ta’ zmien ghandu jippregudika lill-attrici.”

Dik il-Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti kostatazzjonijiet u konsiderazzjonijiet:

“Ikkunsidrat:

“Illi l-konkluzjoni illi ghaliha wasal l-espert oftalmologu Dr. Carmel Agius hija s-segwenti:

*““I estimate Miss Darmanin to have a 10% loss of binocular visual efficiency”.*

“Illi l-konkluzjonijiet tal-periti gudizzjarji l-avukat Dottor Joseph Zammit Mckeon, l-esperti Medici it-Tabib Anthony Galea Debono u it-Tabib Carmel Agius hija s-segwenti:

““Assodat li l-attrici ma kellha ebda htija kwalsiasi ghall-incident stante li kienet biss passiggier fil-vettura misjuqa mill-konvenuta, irid jigi stabbilit jekk xi wahda jew aktar mill-partijiet l-ohra fil-kawza kienux unikament jew parzjalment responsabbli ghall-incident u l-konsegwenzi tieghu. Ghalhekk l-esponent se jqis jekk l-assjem tal-provi jwassalx biex jistabilixxi fuq bilanc ta’ probabilitajiet il-htija unika jew in parte tal-partijiet l-ohra jew min minnhom.

““Skond l-insenjamenti tal-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tat-23 ta’ Frar 1962 fil-kawza fl-ismijiet **Giuseppa Debono v. Philip Camilleri et** (Vol. XLVI.I.112),

*““tnejn huma l-principji generalment akkolti fid-duttrina u fil-gurisprudenza estera u lokali, in materja ta’ incidenti stradali, li ghandhom jirregolaw l-investimenti ta’ vetturi*:

*“[a] l-obbligu ta’ kull sewwieq li jirregola s-sewqan skond il-kondizzjonijiet u c-cirkostanzi, bhal ma huma l-hin ta’ bil-lejl, il-vizwali ostakolata bid-dlam u bix-xita, il-piz tal-vejikolu, l-istat tal-art, u rapporti ohra kontingenti, u*

*"[b] id-dmir ta' sewwieq li jzomm dik li komunement tissejjah 'a reasonable look out', liema dmir igib mieghu li s-sewwieq jara dak li jkun **ragonevolment** vizibbli*.

""Il-Qrati taghna sostnew ukoll li *"lack of proper lookout means failure to see what is in **plain** view"* (Appell Kriminali: **Pulizija v. Laferla**)

""Irrizulta li l-konvenuta kienet qed issuq il-vettura taghha minn fuq il-vapur "Xlendi" tal-Gozo Channel li kien ittrakka mas-South Quay tac-Cirkewwa, l-istess wiehed li hemm illum. Hija kienet qed issegwi traffiku iehor. Fil-fatt hija kienet lejn nofs il-queque ta' vetturi li kienu nezlin minn fuq il-vapur. Irrizulta pero` li fl-istess waqt li kienu nezlin il-vetturi, kienu nezlin ukoll il-passiggieri. Ma kienx kaz fejn l-ewwel nizlu l-passiggieri (kif isir illum) mbaghad isuqu l-karozzi. Jidher li ghal xi hin il-vetturi u l-passiggieri bdew nezlin flimkien. Dan il-punt fic-cirkostanzi tal-kaz ghandu rilevanza ghall-accertament tar-responsabilita`. F'dak li stqarret mhix kontradetta anzi hija konfortata mix-xhieda tal-passiggieri li kienu maghha nkluz l-attrici (xhieda tal-attrici: *il-passiggieri u l-vetturi nizlu fl-istess hin*; xhieda ta' Janice Testa: *wara li nizlu fuq il-moll, nies biss kien hemm*). Ghalhekk hija saqet bil-mod u bid-dwal mixghulin kif kienet titlob il-prudenza.

""Mhux kontestat li meta ttrakka l-vapur kien imdawwal. L-istess il-*garage* tal-vetturi. Pero` mir-rampa 'l quddiem u cioe` fuq il-moll kien hemm dlam cappa. Dan huwa fatt li gie accertat, u ma tezisti ebda ombra ta' dubju f'mohh l-esponent dwaru ghax tirrizulta minn xhieda diversi fosthom P.S. 442 John Grech u l-Perit Charles Cassar. Mhux biss dan, izda fuq il-moll ma kienx hemm senjaletika li turi l-via li kellhom isegwu l-vetturi u n-nies biex jaqbdu t-triq ghal barra. Ghalhekk mhix attendibbli x-xhieda tal-Master Paul Muscat: *il-moll kien imdawwal qisu triq normali. Kien hemm ukoll il-floodlights mixghulin li ghadhom hemm sal-lum.* Dan assolutament mhux minnu, ma rrizulta minn hadd lanqas mill-Perit Charles Cassar li kien inkarigat mill-progett. Ix-xhud Muscat kien certament zbaljat.

““Gara li skond il-konvenuta u dwar dan mhix kontradetta li waqt li kienet qed toqrob ir-rampa il-vetturi ta’ quddiemha lahqu mxew u quddiemha kien hemm il-passiggieri. Kif nizlet ir-rampa u daret lejn ix-xellug ghaliex minn hemm riedet tghaddi biex thalli l-moll baqghet diehla fil-*bollard* li rrizulta li kienet gholja biss sal-gholi tat-*tyre* taghha, u allura mhux daqstant vizibbli, ta’ kulur iswed bis-sadid, u li kienet *“out of line”* mil-linja ta’ *bollard*s l-ohra li kien hemm ma’ tul il-genb kollu tal-moll. Sensiela ritratti esebiti huma prova tangibbli u affidabbli.

““Tenut kont ta’ dawn il-fatturi ambjentali prezenti fuq il-moll, jista’ jinghad li l-konvenuta kellha nuqqas ta’ *proper lookout* meta ghad li kellha d-dwal tal-karozza mixghulin xorta wahda ma ratx il-*bollard* tempestivament?

““Hija fehma tal-esponent li l-konvenuta ma kienitx hatja ta’ imprudenza jew imperizja rizultanti min-nuqqas ta’ *proper lookout* ghaliex fejn kien il-*bollard* kien ostakolu inaspettat f’passagg transitabbli u kif kien jinsab fid-dlam kienet jissorprendi u holoq emergenza (ara: dawk ir-ritratti fejn jidher car li l-*bollard* kien fit-*traffic route*). Maghdud mal-presenza ta’ passiggieri nezlin mir-rampa, u anke dawn qed ifittxu t-triq taghhom fid-dlam, kienet sorpriza ghall-konvenuta li kif largaw in-nies issib il-*bollard* quddiemha. Skond ix-xhud Janice Testa, hekk kif il-konvenuta dawret lejn ix-xellug kif nizlet ir-rampa saret il-habta. L-impatt kien inevitabbli ghaliex fic-cirkostanzi dak il-*bollard* ma kienx ragjonevolment *“in plain view”*. Lanqas mir-rampa ma kien jidher. Ghalhekk ma setax kien hemm *“lack of proper lookout”* imputabbli lill-konvenuta.

““Id-Dok.CC1 u CC3 esebiti mill-Perit Charles Cassar isahhu l-fehma tal-esponent. Fid-Dok.CC1 jirrizulta car kemm il-*bollard* kien *“out of line”* mill-bqija l-ohra. U hemm konferma li l-*bollard* tqieghed fejn qed jidher fid-Dok.CC1. Il-pjanta Dok.CC3 mhix skalata u ghalkemm turi l-*bollard*, turi wkoll minn fejn skond il-Perit Cassar kellu jghaddi t-traffiku. Il-via tratteggjata bl-ahmar fid-Dok.CC3 hija ragjonevoli f’cirkostanzi normali fuq moll imdawwal u ben senjalat. Taghmel ferm anqas sens f’kondizzjoni ambjentali negattiva bhal post intiz ghall-uzu

ta’ vetturi u nies li huwa fi dlam cappa. Irrizulta li l-*bollard* kien mhux aktar minn hames metri boghod mir-rampa kif appena ddur lejn ix-xellug.

““Hija fehma tal-esponent li ma kienx il-fatt li l-konvenuta zammet wisq max-xellug u sabet il-*bollard* li wassal ghall-incident izda l-fatt li l-*bollard* tqieghed f’posizzjoni mhux senjalata fi dlam cappa fejn seta’ jigi notat biss kif tasal mieghu. Il-vicinanza tal-*bollard* lejn ir-rampa isahhah il-verzjoni tal-konvenuta: *qabel ilhaqt iddrittajt fuq ix-xellug tieghi u cioe` li nkun f’posizzjoni li nsuq ghad-dritt fuq il-moll hbatt mal-bollard bix-xewka tax-xellug ta’ quddiem tal-vettura.* Kien hemm zewg karozzi li rnexxielhom jisgiccaw il-*bollard* u l-konvenuta habtet fih. Ix-xhieda tar-Rev. Professur Alfred Darmanin hija xhieda attendibbli u m’ghandhiex tigi skartata semplicement ghax inserta z-ziju tal-attrici. Skond dan ix-xhud, il-*bollard* kien *“in the way”* u ta’ periklu ghat-traffiku. Del resto lanqas kien jaf li l-attrici kienet fuq l-istess vapur u ntebah biha kif mar jaghti l-ghajnuna wara l-incident.

““Il-fatt li sa dak il-hin kienet biss il-konvenuta li habtet mal-*bollard* ma jaghmihiex hatja ta’ imperizja. Dan ma kienx kaz fejn il-konvenuta kolpozament naqset milli tevita l-konsegwenzi tan-negligenza ta’ min qieghed *bollard* iswed fid-dlam fil-via tat-traffiku. Kieku l-konvenuta hadet il-via dritta u mbaghad daret lejn ix-xellug forsi kienet tilhaq tilmah il-*bollard* dik in-naqra qabel. Cio` nonostante l-esponent ma jarax ghala l-konvenuta ghandha ssib ruhha penalizzata ghaliex daret mill-ewwel lejn ix-xellug meta ma kienitx vjetata milli taghmel dan, meta l-*bollard* kien biss ftit metri boghod mir-rampa u fit-*traffic route* u meta sabet il-*bollard* maghha minghajr preavviz ta’ xejn. Il-qaghda nbidlet radikalment meta saru bolavostri biex jghattu l-*bollard* (ara ritratti Dok.JA32 sa JA34).

“Ma hemm ebda prova li l-konvenuta kienet b’xi mod aljenata waqt li kienet issuq. Irrizulta li r-*radio* tal-karozza kien mixghul. Dan izda ma jfisser xejn. Lanqas li l-attrici kienet qed tbiddel il-*casette*. Il-konvenuta baqghet sal-ahhar fil-kontroll tal-vettura. Hekk irrizulta.

““L-esponent ma jsib ebda htija lanqas kontributorja fil-konvenuta.  Ma hemm ebda prova li twassal lill-esponent biex jikkonkludi li l-konvenut immanuvrat b'imprudenza jew b'nuqqas ta' diligenza.

““Hija l-fehma konsiderata tal-esponent li r-responsabilita` unika ghall-incident u l-konsegwenzi minnu derivanti kienet ta' dan il-Ministeru, li permezz tad-Dipartiment tax-Xoghlijiet kien responsabbli mix-xoghlijiet tal-kostruzzjoni tas-South Quay fic-Cirkewwa.

““Jasal ghal din il-konstatazzjoni abbazi tas-segwenti:-

““(a) Il-*bollard* sar mid-Dipartiment tax-Xoghlijiet wara talba tal-Gozo Channel biex mieghu jorbot l-M.V. Ghawdex.  Irrizulta li meta twahhal qabel l-incident, kien diga` bis-sadid u ma kienx mizbugh.

““(b) Il-Gozo Channel stabbiliet fejn riedet li jitpogga l-*bollard* u dan ghaliex kien qed isir ghall-htiega taghhom. Cio` nonostante kien jinkombi lid-Dipartiment tax-Xoghlijiet l-obbligu li jaccerta ruhu li l-post mixtieq mill-Gozo Channel kien jissodisfa kemm il-kriterju tal-opportunita` daqstant iehor il-fattur tas-sigurta`.  It-tqeghid kien qed isir fuq art tal-Gvern min-nies tal-kuntrattur inkarigati mid-Dipartiment tax-Xoghlijiet.  Hija fehma tal-esponent li d-Dipartiment kien messu dahal aktar fil-mertu tal-ghazla tal-post tant li wara l-incident kien realizzat li l-post maghzul kien attwalment u  manifestament sbaljat.

““(c) Hu allegat li l-*bollard* tnehha mill-post minhabba hsara fil-moll u tiswija konsegwenti.  Ma kienitx decizjoni specifika li jitnehha minn hemm.  Din l-ispjegazzjoni min-naha wahda mhix dokumentata u min-naha l-ohra mhix verosimili.  Huwa probabbli li l-*bollard* tnehha ghaliex kien jikkostitwixxi periklu ghall-vetturi.  Kieku ma kienx hekk ma kienx jigri li qabel jitnehha l-ewwel jinzebah b'kuluri li jidhru sewwa u minn kulhadd, u mbaghad ikun recintat. Jekk kien tant mehtieg mill-Gozo Channel, kien jerga' jitqieghed fl-istess pozizzjoni.  Fil-verita` wara x-xoghlijiet ma regax tpogga u ghal din l-assenza ma tirrizulta ebda spjegazzjoni – ufficjali u mhux.

““(d) Ghalkemm bil-progett kompletat, il-manutensjoni kellha tkun ir-responsabilita` tad-Dipartiment tal-Port, fil-gurnata tal-incident, il-progett ma kienx ghadu lest, u ghalhekk ir-responsabilita` taz-zebgha tal-*bollard*s mhux ghal ragunijiet estetici izda ta' sigurta` kienet tad-Dipartiment tax-Xoghlijiet. Ghalkemm AIC Charles Cassar ikkonferma li kienet il-prassi li l-*bollard*s jinzebghu sofor biex jidhru, gieli b'*luminous strips*, fil-kaz in ezami ma sar xejn minn dan.

““(e) Ghalkemm il-progett ma kienx ghadu lest, xorta wahda sar uzu mill-Gozo Channel minkejja li wara nzul ix-xemx ma kienx dawl adegwat. Skond il-Perit Cassar, lanqas *markings* ma kien hemm f'*lanes* fuq il-moll biex juru mnejn ghandu jghaddi t-traffiku. Fuq il-moll kien hemm id-dlam. Ir-responsabilita` kienet tad-Dipartiment tax-Xoghlijiet li dment li l-progett ma kienx ghadu lest ma jippermettix li jsir uzu mill-moll minghajr ma tkun assigurata s-sigurta`. Bhala fatt, tirrizulta laxkezza fl-atteggjament generali: Gozo Channel ma staqsewx lid-Dipartiment jekk setghux jittrakkaw. Id-Dipartiment ma zammhomx milli jittrakkaw. Hekk sostna l-Perit Cassar li sostna li d-Dipartiment kien jaf li l-Gozo Channel kienu qed juzaw il-moll ghalkemm ma kienx ghadu lest pero` ma ttiehdux passi biex jieqfu mill-uzu.

““(f) Huwa minnu li t-talba tal-Gozo Channel ghat-tqeghid tal-*bollard* saret wara li thejjew il-pjanti originali mill-Perit Griscti Soler, jibqa' pero` l-fatt li fil-pjanta originali il-*bollard* ma kienx indikat. Bir-ragun wiehed ghandu jiddeduci li, kif *del resto* sostna l-istess Perit Cassar, il-*bollard* sar *“as an afterthought”* (kliem il-Perit Cassar). Kien pero` *“afterthought”* affrettat u certament mhux *“improvement on the facility”* (kliem il-Perit Cassar) tenut kont tar-riskji li holoq.

““(g) Huwa rrilevanti li l-posizzjoni tal-*bollard* kienet giet diskussa mac-Chief Master tal-vapuri tal-Gozo Channel u kien dan li indika is-*site* fejn kellu jigi l-*bollard*. Id-Dipartiment ma jista' qatt jabdika r-responsabilita` tieghu u jipprova jaddossaha lil haddiehor. Di piu` fil-kaz in ezami

fejn il-*bollard* saret proprju fil-post propost mill-Gozo Channel skond Dok.CC1.

““(h) Huwa fatt li l-*bollard* giet *“out of line”* mill-*bollards* l-ohra. Id-Dipartiment baqa’ ghaddej xorta wara li qies il-fatturi tal-fluss tat-traffiku u s-sigurta`. Pero` anke hawn id-decizjoni kienet affrettata ghaliex il-konfort tal-wisgha tal-moll fis-sens li zewg *lanes* opposti ta’ traffiku kienu jghaddu facilment kienet valutazzjoni saret bi nhar mhux bil-lejl meta l-vapur ma kienx ittrakkat. Kien jinkombi ghad-Dipartiment li jaghmel *“risk assessment”* shih u oggettiv fi kwalsiasi kondizzjoni u hin. Ghalkemm id-Dipartiment kellu awtorita` jirrifjuta l-proposta tal-Gozo Channel kieku dehrlu li kien hemm problema ta’ *safety*, dan baqa’ ma sarx. Ghalhekk id-Dipartiment ghandu jerfa’ r-responsabilita` ghad-decizjoni tieghu.

““(i) Irrizulta wkoll li wara l-incident *de quo* u qabel giet rimossa, il-*bollard* in kwistjoni inzebghet *“orange”*(certament kulur qawwi) u (in segwitu) kien imdawwar b’*barriers*. Huwa sintomatiku li kien proprju rapprezentant tal-Gozo Channel (i.e il-Master Paul Muscat) li rrakkomanda li l-*bollard* ikun imdawwar bil-*barriers* biex ma jirrepetix ruhu incident iehor.

““(j) Fin-nuqqas tad-Dipartiment tax-Xoghlijiet li jipprovdi tassew u effettivament ghas-sigurta` tal-pubbliku fis-South Quay b’mod komplessiv permezz ta’ interventi bazici ta’ prevenzjoni ta’ incidenti bhal dawl adegwat u *traffic routes* ben indikati aktar u aktar meta ghad li l-progett ma kienx ghadu lest xorta wahda kien qed jintuza l-moll, l-esponent jirriskontra nuqqas tad-diligenza ta’ “*bonus paterfamilias”* fl-imgieba tal-Ministeru tal-Ambjent. Jirrizulta ness ta’ kawzalita` bejn dan il-fatt kolpuz u l-event dannuz kostitwit mill-effetti tal-incident.

““L-interess tal-Gozo Channel kien li s-South Quay jinbena b’mod li jkun addattat ghall-vapuri kollha tal-kumpanija li kellhom karatteristici differenti: principalment il-pozizzjoni tal-*fenders* u tar-rampa. Irrizulta li materji relatati ma’ *safety* fuq il-moll ma kienux kompitu taghhom. L-interess taghhom kien is-*safety* tal-vapur meta jittrakka

jkun garantit.  Il-fatt li l-*bollard* in kwistjoni tpoggiet fuq is-South Quay tac-Cirkewwa wara talba tal-Gozo Channel u fil-post fejn din kienet taqdi l-htigijiet tal-Gozo Channel ma jaghmilx il-Gozo Channel kompartecipi mal-Ministeru tal-Ambjent fir-responsabilita` ghall-incident ghaliex il-*bollard* kien qed jitpogga fuq art tal-Gvern, skond pjanti originali (jew alterati) preparati mid-Dipartiment tax-Xoghlijiet, taht id-direzzjoni u supervizjoni tal-istess Dipartiment, minn persuni inkarigati mill-istess Dipartiment.

““Kemm l-ghazla finali tal-post kif ukoll il-manutensjoni tal-*bollard* ma kienux responsabilita` tal-Gozo Channel. Dwar din tal-ahhar, jigi rilevat li l-progett ma kienx ghadu lest ghalkemm il-moll kien beda jintuza.  Il-Gozo Channel ghamlet uzu mill-moll ghax kien hemm l-assens tad-Dipartiment.  Ma jistax ikun mod iehor.  L-obbligu tal-manutensjoni inkluz tal-*bollard*s ma kienx ghadda f'idejn id-Dipartiment tal-Port izda baqa' f'dak l-istadju tad-Dipartiment tax-Xoghlijiet.  Kull xoghol li sar kien responsabilita` tad-Dipartiment tax-Xoghlijiet tant hu hekk li rrizulta li meta l-moll kien garrab xi hsara li t-tiswija taghha kienet timporta t-tnehhija ta' dak il-*bollard*, dan baqa' ma regax tpogga fil-post ghalkemm baqa' xorta ta' uzu ghall-Gozo Channel.  Kien id-Dipartiment li ghazel li ma jergax jitpogga.

““Jirrizulta li l-attrici korriet meta wara li hadet daqqa mad-*dashboard* tal-karozza u marret lura, infaqa' l-*windscreen* u l-hgieg mar f'wiccha.  Ittiehdet l-isptar fejn damet hamest ijiem.  Fl-isptar l-ewwel ma sar kien it-tnehhija tal-hgieg mill-ghajn.  Sarulha hafna *stitches* f'wiccha – issemmiet il-figura ta' 42 stitch u wara damet gimgha d-dar.  Wara marret l-Ingilterra ghall-vista ghax ma kienitx qed tara tajjeb mill-ghajn tal-lemin u t-tobba Maltin u cioe` Dr. Richard Soler u Dr. Mario Tabone ma kienux qed jaqblu x'kellha.  Wara l-vista l-Ingilterra giet lura Malta u damet xi hmistax-il gurnata d-dar.  Marret ghax-xoghol wara xahrejn mill-incident u in segwitu` rega' marret ghall-kura l-Ingilterra.  Barra l-problemi tal-ghajn, hija garrbet xi *scars* fil-wicc u waqt li kienet l-Ingilterra sarilha *skin grafting*.  Fl-Ingilterra hija kkonsultat lil Mr. R.K. Black (tabib tal-ghajnejn) u Mr. John Cobbett (*plastic surgeon*).

Ic-certifikati medici Dok.B sa Dok.E huma prova sodisfacjenti tad-dijanjosi, kura u kondizzjoni tal-pazjenta.

““L-attrici spjegat li meta taghlaq l-ghajn tax-xellug hija kienet tara blurred mill-ghajn tal-lemin. L-iscars kien ghadhom jidhru. Ghand il-*plastic surgeon* hi marret dartejn – qabel u wara – ic-certifikat. Hareg certifikat wiehed. Hija qalet li b'ghajnejha t-tnejn miftuhin ma kienitx tara *blurred*. It-tabib tal-ghajn Ingliz kien ta parir li tilbes nuccali fil-futur u taha ricetta. Irrakkomanda li taghti cans taghmel miljorament ghax altrimenti jekk tilbsu mill-ewwel l-ghajn titghazzen. Fil-vista hija kienet tbati l-aktar ghall-boghod u fil-vicin ma kienitx tiffoka tajjeb. Qabel l-incident, il-vista kienet normali. Dwar il-*blurness* tal-ghajn, hija fissret li billi kien hemm il-*cornea* maqtugha, ma kienx hemm rimedji ohra ghaliha hlief in-nuccali – skond Mr. Black.

““David Perotti, ufficjal fil-human resources/administration tal-Mid-Med Bank Limited xehed li l-attrici kienet impjegata mal-Mid-Med Bank Limited. Hija dahlet fl-impieg fit-2 ta' Mejju 1989 bhala clerk B. Huwa esebixxa minn Dok.DP1 sa Dok.DP5: l-income tax P3s tal-attrici bejn 1991 u 1994 u l-*payslip* ta' Jannar 1995. In segwitu` telghet ghal clerk A. Minn grad B ghal grad A telghet b'mod regolari u cioe` bil-progress regolari jigifieri wara erba' snin.
““Likwidazzjoni tad-danni:

““L-attrici ma ghamlet ebda talba ghal rizarciment ta' damnum emergens tant li lanqas ressqet provi dwar din ix-xorta ta' danni.

““Id-danni reklamati mill-attrici huma *lucrum cessans*.

““Kemm it-Tabib Konsulent Anthony Galea Debono kif ukoll t-Tabib Oftalmologu Carmel Agius individwalment irriskontraw debilita` fl-attrici. Skond Dr. Galea Debono, l-*attrici clearly has a permanent disability due to facial scarring … This disability is expected to be permanent … the resultant disability is 6%. Skond Dr. Agius, l-attrici ghandha a 10% loss of binocular visual efficiency.*

““Tenut kont tal-impatt negattiv u debilitanti li l-isfregju u t-telf tal-vista flimkien ghandhom fuq il-hajja tal-attrici in generali inkluz dik lavorativa, l-esponent huwa tal-fehma li l-ghadd taz-zewg debilitajiet ghall-figura ta’ 16% huwa kalkolu gust tad-dizabilita` shiha tal-attrici minghajr ma hemm lok li jsir *“weighting”* bejn iz-zewg debilitajiet.

““Dwar l-introjtu tal-attrici, l-esponent jirrileva li fis-sena tal-incident, l-attrici kellha salarju ta’ Lm2,879 (Dok.DP1). Sal-ahhar tal-1994, is-salarju taghha zdied ghal Lm3,708 (Dok.DP4). Fis-sena 1993 gholiet fil-grad minn clerk B ghal clerk A. Kunsidrat id-Dok.DP5, fl-ahhar tal-1995, l-attrici kellha salarju gross ta’ Lm3,944. Bla dubju, l-andament tas-salarju tal-attrici fuq firxa ta’ hames snin juri li l-attrici kellha potenzjal li tavvanza. Ghalhekk kalkolu tas-salarju attwali tal-attrici fid-data tal-incident bhala bazi tal-multiplier ma jirriflettix ghal kollox id-dhul mill-potenzjal lavorattiv taghha. Mill-banda l-ohra is-salarju tal-1995 ghandu jservi bhala indikatur. Il-figura gusta bhala basi ghall-*multiplier* ghandha tkun il-medja bejn is-salarju fid-data tal-incident (Lm2,879) u dak tal-1995 (Lm3,944): Lm3,400.

““Fid-data tal-incident, l-attrici kellha 20 sena. Hija fehma tal-esponent li fil-kaz taghha, il-*multiplier* indikat huwa 28 sena (skond **Micallef St. John et v. Spiteri**, Qorti tal-Appell, 15 ta’ Jannar 2002: ghalkemm jigi rilevat li l-vittma tal-incident mertu ta’ dik il-kawza tilef hajtu fl-eta` ta’ 18-il sena).

““Stante li l-kawza kienet prezentata fit-22 ta’ Gunju 1992, ghandu jkun hemm riduzzjoni ghal-*lump sum payment* ta’ 8% (**P. Xuereb pro et noe v. E. Xuereb pro et noe**, Prim Awla tal-Qorti Civili, JSP, ceduta fl-Appell fil-15 ta’ Marzu 2002).

““Ghalhekk il-lucrum cessans tal-attrici jammonta ghal **Lm14,013**: Lm 3400 x 28 x 16% x 92%.

““Hlas tad-Danni

““Konformement mal-konkluzjoni tal-esponent dwar ir-responsabilita`, il-Ministeru tal-Ambjent ghandha jigi kundannat ihallas lill-attrici s-somma ta' **Lm14,013** in linea ta' danni.”

“Ikkunsidrat:

“Illi peress illi l-Qorti taqbel mal-konkluzjonijiet u konsiderazzjonijiet kollha tal-esperti gudizzjarji minnha mahtura il-Qorti qeghda taddotta l-istess relazzjoni tal-esperti gudizzjarji u taghmilha bhala taghha b’dan pero` illi ghal dak illi jirrigwarda rizarciment ta’ *“damnum emergens”* il-Qorti rat illi l-attrici ressqet provi tad-danni illi sofriet; liema provi hija ressqithom wara li gietipprezentata ir-relazzjoni tal-periti gudizzjarji u hija rnexxielha tipprova illi hija sofriet danni illi jammontaw ghas-somma ta’ elf, mija u erbgha u sebghin Lira (Lm1,174) u il-Qorti trid tghid f’dan ir-rigward illi ma setghetx tilqa’ t-talba attrici ghall-hlas tas-somma ta’ elf, u tlett mitt Lira ghal *“UK travel accommodation and board”* peress illi l-attrici ma esebietx ricevuti f’dan ir-rigward.”

**L-appell tal-kjamat fil-kawza Ministru ghar-Rizorsi u l-Infrastruttura.**

Il-kjamat fil-kawza Ministru ghar-Rizorsi u l-Infrastruttura hass ruhu aggravat bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk, b’rikors ipprezentat fit-18 ta’ Gunju, 2008 talab li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha (1) thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflokk tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-appellant sabiex tichad it-talbiet kollha tal-attrici fil-konfront tieghu u minflok tiddikjara illi l-konvenuta Michelle Attard kienet unikament responsabbli ghall-incident li fih sofriet danni l-attrici kawza tan-nuqqas ta’ *proper look out*, kif ukoll kawza ta’ negligenza u traskuragni meta hija ma haditx il-prekawzjonijiet kollha meta li kien indikat li taghmel dan *(sic!)*; u (2) subordinatament u biss f’kaz li din il-Qorti jidhrilha li m’ghandhiex tvarja s-sentenza appellata f’dik il-parti li tirrigwarda ir-responsabbilita` ghall-incident tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha f’dik il-parti fejn gie likwidat l-ammont ta’ *lucrum cessans* u fejn inghata

imghax mid-data tac-citazzjoni u minflok tillikwida ammont ta' danni bhala *lucrum cessans* izghar minn dak likwidat fis-sentenza appellata u takkorda lid-danneggjata imghaxijiet biss mid-data tas-sentenza u dan bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellati.

Il-konvenuta Michelle Attard intavolat risposta ghall-appell fuq imsemmi (ara fol. 16 tal-atti tal-appell) fejn, filwaqt li osservat illi inkwantu s-sentenza appellata ma sabitx lill-esponenti responsabbli ghall-incident in kwistjoni ghandha tigi konfermata bl-ispejjes u ghalhekk l-appell inkwantu jolqot lilha ghandu jigi rigettat u s-sentenza appellata, hlief ghall-parti tal-imghax, kkonfermata bl-ispejjez kontra l-appellanti.

L-attrici Sandra Darmanin fis-27 ta' Novembru 2008 ipprezentat mhux biss risposta ghall-appell tal-kjamat fil-kawza fejn osservat li s-sentenza hija gusta u timmerita konferma, izda pprezentat ukoll **appell incidentali** indirizzat kontra l-partijiet kollha fil-kawza fejn talbet li fil-kaz li jigi milqugh l-appell jew riformata s-sentenza *in toto* jew in parte ssib lil, u tiddikjara u tiddeciedi illi l-appellant Ministru ghar-Rizorsi u Infrastruttura u/jew il-konvenuta Michelle Attard u/jew il-kjamata fil-kawza solidalment jew min minnhom wahedhom jew f'porzjoni li tiddetermina l-Qorti, responsabbli ghad-danni subiti mill-attrici; u tillikwida d-danni hekk kawzati, u tikkundanna lill-konvenuta u/jew il-kjamata jew kjamati fil-kawza skond il-kaz ihallsu d-danni hekk likwidati bl-ispejjez kollha taz-zewg istanzi skond ir-responsabbilita` attribwita.

Michelle Attard fis-26 ta' Jannar, 2009 ipprezentat risposta ghall-appell incidentali ta' Sandra Darmanin fejn, filwaqt li rribadit illi hija m'hijiex responsabbli ghall-incident mertu tal-kawza, talbet li la darba l-attrici ma rnexxiliex tipprova l-addebitu fil-konfront taghha ssegwi illi t-talbiet attrici, kif kontenuti fl-appell incidentali taghha, ghandhom jigu rigettati, bl-ispejjez kontra l-istess attrici.

Il-kjamata fil-kawza Gozo Channel Co. Limited ukoll intavolat risposta ghall-appell incidentali tal-attrici fejn filwaqt li rribadit li s-sentenza appellata hija gusta u

timmerita konferma talbet li l-appell incidentali jigi michud bl-ispejjez kontra l-attrici.

Fl-udjenza tat-30 ta' Gunju, 2010 id-difensuri tal-partijiet ittrattaw l-appell u l-kawza giet imhollija ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

**Ikkunsidrat:**

Konformement mat-talbiet maghmula fir-rikors tal-appell, l-appellant Ministru ghar-Rizorsi u Infrastruttura ressaq erba' aggravji kontra s-sentenza appellata. Dawn jikkoncernaw:

a) Ir-responsabbilita` ghall-incident.

b) Il-kontributorjeta` tas-sewwieq, liema aggravju huwa intimament marbut mal-ewwel aggravju.

c) Il-likwidazzjoni tad-danni.

d) Finalment il-kwistjoni tal-imghax akkordati.

**A) Dwar ir-responsabbilita` ghall-incident:**

L-appellant jinsisti li l-incident sehh minhabba traskuragini, negligenza u nuqqas ta' *proper look out* da parti tal-konvenuta Michelle Attard. Qed jigi sottomess li l-konvenuta kienet negligenti billi saqet bid-*dipped headlamps* u mhux bil-*bright*. Skond l-appellant li kieku l-konvenuta adoperat l-*bright* kien ikollha vizwali ahjar tat-triq u ta' dak li kien hemm quddiemha.

Il-htiega ta' *proper lookout* u l-uzu tal-*bright* fil-fehma ta' din il-Qorti huma zewg affarijiet separati. Tal-ewwel jehtieg li s-sewwieq jkollu attenzjoni kontinwa ta' dak kollu li jkun hemm fit-triq u ta' dak li, taht cirkostanzi normali, wiehed jista' jistenna li jigri. Wiehed ghalhekk jista' jinsab li ma kellux *proper lookout* jekk jahbat ma' vettura li tkun miexja quddiemu, jekk jolqot *pedestrian* li jkun mixi fit-triq, jekk jonqos li josserva vettura ohra li qed taqsam f'inkrocju. F'dawn ic-cirkostanzi, u ohrajn bhalhom, l-uzu

tal-*bright* jew l-assenza tal-uzu tal-istess, mhux necessarjament fattur li jwassal ghas-sinistru. Anzi meta fit-triq jkun hemm vetturi ohra huwa rakkomandat li l-*bright* ma jintuzax billi dan jista' jfixkel sewwieqa ohra.

Tenut kont tac-cirkostanzi kollha li rrizultaw f'din il-kawza din il-Qorti ma tarax kif l-uzu tal-*bright* seta' wassal biex jigi evitat l-incident. Meta l-passiggiera li ma jkunux bil-vetturi jizbarkaw (bhalma ghadhom jaghmlu Malta, izda mhux Ghawdex) flimkien mal-vetturi, apparti certa konfuzjoni li tinholoq, il-vizwali tas-sewwieq tigi ristretta hafna u ostakolu, bhall-*bollard* in kwistjoni, seta' facilment ma jkunx vizibbli hlief fl-ahhar mument meta jwarrbu l-*pedestrians.*

Din il-Qorti ezaminat l-provi prodotti u senjatament ir-ritratti tal-lokalita` minn fejn jidher bic-car li l-*bollard* in kwistjoni kien jinsab 'il barra hafna minn mal-genb tat-triq b'mod li jostakola l-passagg liberu tal-vetturi. Barra minn hekk dan il-*bollard* irrizulta li kien kollu sadit u l-moll kien dlam cappa b'mod li dan l-istess *bollard* ma setax kien facilment vizibbli ghall-utenti tat-triq bhalma kienet il-konvenuta. Wara li hadet konjizzjoni tal-konsiderazzjonijiet tal-perit legali, liema konsiderazzjonijiet huma riportati *verbatim* fis-sentenza appellata, din il-Qorti ma tara ebda raguni l-ghala ghandha tiddisturba l-konkluzzjonijiet tal-ewwel Qorti dwar ir-responsabbilita` ta' min pogga l-*bollard* <u>f'posizzjoni tant manifestament hazina</u>. Dan l-aggravju ghalhekk ma jirrizultax gustifikat u qed jigi respint.

**B) Dwar il-kontributorjeta` tal-konvenuta.**

Kif gia` nghad dan l-aggravju huwa marbut ma' dak hawn fuq riportat u din il-Qorti, ghall-istess ragunijiet hawn fuq riportati, ma tara ebda raguni l-ghala ghandha ssib kontributorjeta` fil-konvenuta ghall-akkadut. Jekk il-*bollard* tpogga f'posizzjoni hazina u ma kellux manutenzjoni adegwata, bhal zebgha, <u>kif irrizulta li sar wara l-incident</u>, dan ma kienx vizibbli ghall-konvenuta qabel ma kien tard wisq u kwindi din ma tistax tinzamm responsabbli f'ebda porzjoni, kif gustament irritjena l-espert legali u kif rega' kkonferma, b'enfazi, meta gie eskuss. Ta' min josserva li

l-appellant naqas li juzufruwixxi mid-dritt tieghu li jitlob il-hatra ta' periti perizjuri; anzi fl-udjenza tal-15 ta' Frar, 2007 gie verbalizzat hekk fir-rigward: "*Dr. D'Alessandro tiddikjara li l-klient taghha* (il-Ministeru) *m'huwiex aktar f'posizzjoni illi jitlob il-hatra ta' Periti Perizjuri ghalhekk iddikjarat li tixtieq teskuti lill-Perit legali.*" Kif gia` nghad il-perit legali rega' kkonferma dak li huwa kien issottometta fir-rapport tieghu anke dwar in-nuqqas ta' kontributorjeta` tal-konvenuta. Din il-Qorti taqbel pjenament ma' din il-*presa di posizione* tal-perit u tiddikjara li dan l-aggravju mhux gustifikat.

**C) Dwar il-*Lucrum Cessans*.**

Qed jigi sottomess li l-*quantum* tad-danni gie komputat hazin billi l-percentwali tad-dizabilita` li kienu jirriflettu l-parti oftalmika u dik fizika gew maghdudin flimkien u ma nghatax, bhal ma jsir solitament, *a weighted average.* Issa huwa minnu li meta persuna involuta f'incident tkun batiet minn diversi menomazzjonijiet f'persunta li jkun jirrikjedu l-intervent ta' diversi esperti medici, il-Qorti ma tasalx ghad-dizabilita` ta' dik il-persuna billi tghodd flimkien id-diversi percentwali ta' dizabilita` li jkunu esprimew l-esperti singoli, izda, fl-assenza ta' parir mediku finali, tipprova tasal ghal dik id-dizabilita` globali li l-korrut jkun sofra li jkollha effett negattiv fuq l-*earning capacity* tal-persuna involuta.

Din il-Qorti pero` tenut ic-cirkostanzi kollha tal-kaz ma tarax li dan l-aggravju, fil-fattispecjie tal-kaz, huwa gustifikat.

a) Fl-ewwel lok id-dizabilitajiet riskontrati fl-attrici huma distinti tali li ma jista' jkun hemm ebda relazzjoni bejniethom. Infatti l-attrici qed issofri minn menomazzjoni fil-vista, li certament jeffettwa mhux biss il-hajja taghha ta' kuljum izda ukoll l-hajja lavorattiva; qed issofri ukoll minn *facial scarring* li certament ser inaqqas b'mod kbir *the enjoyment of life*. Dawn id-dizabilitajiet, ghalhekk, ghandhom jittiehdu separatament u ghalhekk kellu ragun l-espert, u l-ewwel Qorti bhalu, li ma adoperax *a weighted average.*

b) Fit-tieni lok jigi osservat li l-ewwel Qorti ghamlet zball meta eskludiet bhala parti mid-*damnum emergens* is-somma ta’ Lm1,300 ghal “UK Travel” jew somma verjuri. Biex l-attrici, akkompanjata minn ommha, inkorriet l-interventi kirurgigi fl-Ingilterra certament kien mehtieg li jsiru xi spejjez ghall-akkomodazzjoni fl-Ingilterra u forsi jekk mhux fl-ammont mitlub – ghalkemm ma hu xejn ezagerat – l-ewwel Qorti, anke fl-assenza ta’ ricevuti, kellha takkorda somma *arbitrio boni viri*. Dan l-ammont likwidabbli, ghalhekk, kellu jigi nkluz billi jirrizulta car mill-affidavit ta’ omma l-attrici, u cioe` Marcelle Darmanin, li d-diversi spejjez ghall-interventi kirurgigi fl-Ingilterra, ghalkemm saru mill-genituri tal-attrici, saru hekk minnhom b’titolu ta’ self u li l-attrici kellha thallashom lura hekk kif iddahhalhom wara l-kawza. Huwa minnu li fl-appell incidentali l-attrici ma ssemmi xejn dwar dawn id-danni; anzi, fir-risposta ghall-appell principali, tghid li s-sentenza hija gusta u tisthoqqilha konferma, biss din il-Qorti hija tal-fehma li dan l-ammont, mhux negligibbli, kellu jigi akkordat, u fic-cirkostanzi ser jitqies bhala pacut ma’ xi riduzzjoni fil-komputazzjoni tad-danni f’kaz li kellu jigi applikat il-*weighted average.*

Dan l-aggravju ghalhekk ma jirrizultax gustifikat.

**D) Dwar l-imghaxijiet akkordati.**

Fil-parti konkluziva tas-sentenza l-ewwel Qorti, wara li kkundannat lill-Ministru ghar-Rizorsi u Infrastruttura jhallas l-ammont ta’ danni likwidati, ghaddiet biex ikkundannatu jhallas l-ispejjez kollha tal-kawza u **l-imghax mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni.**

L-appellant hassu “*partikolarment*” aggravat b’din il-parti tas-sentenza billi jsostni li huwa principju ormai assodat li meta t-talba tkun ghal-somma *da liquidarsi* l-imghax ghandu jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza u mhux mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni.

Din il-Qorti kellha diversi okkazzjonijiet fejn esprimiet ruhha fuq din il-materja u dejjem sostniet dak li qed jigi

ribadit mill-appellant u cioe` li *in illiquidandis non fit mora.* Konsegwentement din il-Qorti hija tal-fehma li dan l-aggravju huwa gustifikat. Pero` apparti dan, din il-Qorti taghmel referenza ghal u tirriproduci dak li ntqal mill-appellant fil-paragrafu (V) taht l-kapitolu dwar l-imghax fir-rikors tal-appell li thoss li jaghmel hafna sens: "*Certament illi l-argument illi ngieb biex jiggustifika l-ghoti ta' imghax mid-data tac-citazzjoni m'huwiex legalment sostenibbli specjalment in vista tal-fatt illi l-attrici diga` nghatat kumpens ghad-dewmien tal-kawza billi tnaqqas il-percentagg li jigi ridott minhabba l-hlas bil-quddiem (lump sum payment) tal-lucrum cessans. Dan il-fatt kien diga` gie ridott mill-Perit Legali mis-solitu ghoxrin fil-mija ghall-tmienja fil-mija. Kieku l-Qorti deherilha illi dawk it-tmienja fil-mija kellhom jergaw jonqsu hija kellha se mai tnaqqas aktar dik ir-riduzzjoni izda certament illi m'huwiex sostenibbli illi minflok ma jsir hekk jinghata imghax fuq somma mhux likwidata. Huwa car illi f'dan ir-rigward l-attrici inghatat kumpens doppju indebitament.*" Din il-Qorti taqbel pjenament ma' din l-osservazzjoni u b'hekk tiddikjara dan l-aggravju gustifikat.

In vista ta' dak li inghad hawn fuq u billi l-appell incidentali huwa wiehed hekk imsejjah "*del commodo*" biex f'kaz li l-kjamat fil-kawza jigi liberat jew ma jigix akkollat r-responsabbilita` kollha, din il-Qorti tghaddi biex tiddikjara persuni ohra involuti bhala responsabbli ghall-akkadut u responsabbli ghad-danni, din il-Qorti ma tara' ebda htiega li tezamina l-appell incidentali tal-attrici.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tal-kjamat fil-kawza Ministru ghar-Rizorsi u l-Infrastruttura qed jigi michud in parte fejn dan jikkoncerna l-kwistjoni ta' responsabbilita` tieghu ghall-akkadut u ghad-danni likwidati, u f'dan is-sens is-sentenza appellata qed tigi konfermata; izda qed jigi milqugh in kwantu jikkoncerna l-kundanna ghal hlas tal-imghax mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni billi dik il-parti tas-sentenza qed tigi revokata u l-kjamat fil-kawza Ministru ghar-Rizorsi u l-Infrastruttura, appellant, qed jigi kundannat ihallas l-imghax fuq is-somma likwidata mid-data tas-sentenza tal-prim istanza billi dakinhar l-ammont gie dikjarat bhala dovut.

L-ispejjez tal-appell principali jibqghu a karigu tal-kjamat fil-kawza Ministru ghar-Rizorsi u Infrastruttura, mentri dawk tal-appell incidentali jkunu a karigu tal-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------